MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1663/2005

**Vincent Calleja ghall-'Kelly Industries" (I.D. 100151M)**

**Vs**

**Tony Albanese**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Awissu 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u erbgha u hamsin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm154.25), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta’ Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u erbgha u hamsin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm154.25), bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------